TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 343

KAZ NRU. 436

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Isabelle Grima
u
l-Malta Dairy Products Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 29 ta' Novembru 1989

Chairman : Is-Sur Carmel Debono

1. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 16 ta' Lulju 1987 skond il-provedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Att XXX tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal zamm disa' (9) seduti.

L-Appellanta, s-sinjorina Isabelle Grima kienet rapprezentata u assistita mis-Sur Franco Coleiro, Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-General Workers' Union waqt li l-Kumpanija Malta Dairy Products Ltd. kienet rapprezentata mis-Sur Oscar Delia, Financial Controller, assistit fl-ewwel seduta mis-Sur Noel Scerri li rrinunzja li jkompli peress li kien konness mal-avukat li kien involut fil-kaz tal-Qorti Gudizzjarja kontra Miss Grima, mis-Sur Alfred Fabri li assista lill-Kumpanija barra l-ahhar zewg seduti li gew koperti mill-Avukat Pio Valletta.

/.....

## 2. STATEMENTS OF CASE

Is-Sur Coleiro ghall-Appellanta ssottometta dawn it-Terms of Remit "Illi t-tkeccija mill-impjieg ta' Isabelle Grima (Clerk) mill-Kumpanija Malta Dairy Products Ltd. fid-9 ta' Marzu 1937 ma kinitx ghall-raguni gusta u l-Union bir-rispett kollu titlob lit-Tribunal Industrijali ghandu jiddeciedi li Grima ghandha tigi dikjarata li giet imkeccija ngustament u li ghandha titqies li baqghet fl-impjieg minghajr telf ta' paga u li tinghata hlas xieraq ghad-danni li sofriet, li huma dovuti lilha kif jidhirlu t-Tribunal u li tinghata certifikat madif. It-Tribunal jaghti dawk il-provedimenti li jidhirlu xieraq skond il-kaz."

Is-Sur Coleiro qal li Isabelle Grima dahlet fl-impjieg fid-19 ta' Marzu 1986 bhala skrivana fil-Marketing Section, izda wara perjodu ta' zmien, meta kienet ghadha taht iz-zmien tal-prova (probation) giet ordnata tmur tiddepozita l-flus tal-Kumpanija fil-Bank tal-Hamrun.

Hija accettat li taghmel dan ghax kienet taht il-prova minkejja li dan ma kienx ix-xoghol taghha meta kien ghad biss kellha eta zghira, 16-il sena, li wasslet lill-missiera biex jipprotesta lill-Acting General Manager, izda kellha tkun protesta tal-Union biex l-Appellanta ma thallietx taghmel dan ix-xoghol.

Dan juri, qal is-Sur Coleiro kemm kellha zball il-Kumpanija li thalli xoghol bhal dan b'responsabilta' tal-garr ta' flus kbar f'idejn tifla ta' sittax-il sena.

/.....

Ix-xoghol ta' l-Appellanta kien billi din tmur ghand il-kaxxier, li kien johrog il-flus mis-safe u kien jagh tiha bicca karta (Tally Chit) mhux numerata li kien ikun inizzel fuqha l-ammonti tal-flus f'cheques, flus karti u muniti li l-Appellanta kienet tqabbel mal-flus li jaghtiha l-Kaxxier u t-Tally Chit u tmur tiddepozita l-flus fil-Bank.

Jidher li wara xi zmien il-Kaxxier kien jghid lill-Appellanta biex tiehu l-flus hi mis-safe u timla c-Chit bl-ammont ta' flus li ssib fis-safe.

Is-Sur Coleiro ppretenda li l-Appellanta ma kellhix access dirett ghas-safe u kemm kien ikun hemm flus fih ghax dan u l-Cash Book kienu responsabilta' tal-Kaxxier. Meta Grima kienet tiehu l-flus mis-safe (kif ordnata mill-Kaxxier) u tnizzel l-ammonti fuq it-Tally Chit, dan kienet taghmlu quddiem shabha f'ufficcju li kien separat minn dak tal-Kaxxier. Is-Sur Coleiro sostna li din il-procedura ma kienetx serja ghax skond hu jekk il-kumpanija kienet taf b'dan, ma kellhiex thallihom ssir u jekk ma kienetx taf, din ir-responsabilta' kienet taqa' fuq il-Kaxxier.

Jekk skond il-Kumpanija kienet instabet diskrepanza fil-flus depozitati fil-Bank mad-dhul fil-Cash Book, Grima, qal is-Sur Coleiro, kienet tiddepozita l-flus li kienet issib fis-safe u qatt ma kienet tkun taf jekk l-ammont li ssib kienx jaqbel, ma dak imdahhal fil-Cash Book.

Is-Sur Coleiro staqsa min kien li seta' jiddikjara x'kien hemm fis-safe u kif wiehed seta' jakkuza lil xi hadd li fis-safe kien hemm aktar flus jew li fil-Bank gew depozitati flus anqas. Huwa kkontenda li fin-nuqqas ta' procedura sodisfacenti, l-Appellanta qatt ma kellha tigi abbuzata fuq in-nuqqas ta' flus meta ma kienetx responsabbli minn dak li jitpogga fis-Safe.

/.....

Barra minn hekk, l-Appellanta kienet taghti kopja tad-Deposit Slip lill-Cash Office tal-flus li tkun iddepozitat fil-Bank.

Fil-31 t'Ottubru 1986 il-Kumpanija sabet li kien hemm diskrepanza fil-Cash ta' madwar LM983.00,0 u f'Dicembru l-Kumpanija rrefferit il-kaz f'idejn il-Pulizija. Ghall-habta tal-Milied il-Manager tal-Kumpanija kellem lil Grima fuq id-diskrepanza tal-flus u qalilha biex tirrizenja jew inkella jissospendiha. It-talba ta' missier l-Appellanta biex il-Manager jaghti bil-miktub ir-raguni tas-sospensjoni giet rifjutata, xi haga qal is-Sur Coleiro li tmur kontra kull principju jew regolament meta wiehed jigi mkecci jew sospiz specjalment fuq akkuzi serji bhal ma kienet din.

Huwa qal ukoll li l-Management ma nfurmax lill-Union li taghha l-Appellanta hija membru u l-anqas ma qalilha biex iggib ir-rapprezentant tal-Union meta kienet tigi akkuzata.

Wara li l-Manager tal-Kumpanija u c-Chairman irrifjutaw li jiddiskutu l-kaz mal-ufficcjali tal-Union, it-Taqsima tal-Union hadet azzjoni ndustrijali u waqqfet ix-xoghol kollu fil-fabbrika, li bhala rizultat il-General Manager aktar tard stieden lill-Union biex jigi diskuss it-twaqqif tax-xoghol u fit-13 ta' Dicembru 1986 intlahaq ftehim biex titwaqqaf l-azzjoni ndustrijali u l-Appellanta tidhol lura ghax-xoghol bil-kundizzjoni li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar il-kaz aktar tard.

Is-Sur Coleiro rretena li bejn it-13 ta' Dicembru 1986 meta ntlahaq il-ftehim u d-9 ta' Marzu 1987 meta l-Appellanta giet imkeccija definittivament, iz-zmien li fih baqghet tahdem mal-Kumpanija, l-Management qatt ma sejjah lil Grima jew lill-Union biex ikomplu jiddiskutu l-kaz kif kien jesigi l-ftehim tat-13 ta' Dicembru 1986.

/.....

Is-Sur Coleiro stqarr li f'dan il-perjodu l-Kumpanija u l-Union kienu qeghdin jinnegozjaw Ftehim Kollettiv u kien intlahaq ftehim fuq il-klawsoli kollha nkluzi dawk li jirrigwardaw ilmenti kemm mill-impjegati u/jew mill-Management. Dan il-Ftehim Kollettiv gie ffirmat fl-10 ta' Marzu 1987. Is-Sur Coleiro kkontenda li b'din l-azzjoni l-Kumpanija kisret il-Ftehim Kollettiv u l-ftehim tat-13 ta' Dicembru 1986. Hu zied jghid li t-tkeccija ta' l-Appellanta saret lejliet il-gurnata li gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv.

Is-Sur Coleiro rrefera ghall-proposta tal-Kumpanija waqt il-conciliation li l-Appellanta ma accettatx u allega li l-Financial Controller kien esprima ruhu hafna qabel il-kaz li kien hemm l-intenzjoni li l-Kumpanija tittermina l-impjieg ta' l-Appellanta. Dan qal is-Sur Coleiro juri li xi hadd ippjana dan il-kaz biex il-Kumpanija tehles mill-Appellanta.

Is-Sur Coleiro temm l-i Statement of Case billi qal li wara l-laqgha tal-Conciliation, Ufficcjal tal-Labour Office kien informa lill-Union li l-flus involuti fid-diskrepanza kienu gew ritornati lill-Kumpanija permezz ta' wiehed mill-Kappillani tal-Hamrun.

Is-Sur Coleiro stqarr kategorikament li dawn il-flus ma gewx ritornati mill-Appellanta u ghaldaqstant hadd ma seta' jghid min irritornahom. Is-Sur Coleiro ghalhekk talab lit-Tribunal jiddeciedi favur it-talba tal-Union f'isem l-Appellanta skond it-terms of remit kif imressaq fli Statement of Case.

Il-Kumpanija fli Statement of Case iddikjarat li kienet gustifikata li ttterminat l-impjieg ta' Isabelle Grima ghar-raguni ta' "embezzlement" tas-somma ta' LM934.45,3 fdata f'idejn l-istess Isabelle Grima.

Il-Kumpanija qalet li l-Appellanta kienet responsabbli biex tiehu flus konsistenti f'Cash u Cheques il-Bank u li ghal dan l-iskop kienet tinzamm lista tac-Cheques u anke Cash Tally Chit li t-total ta' dawn iz-zewg listi kellu jaqbel mal-ammont dikjarat fil-Cashbook u l-ammont depozitat il-Bank.

Il-Kumpanija qalet li nstab li l-Cash Tally Chit li kien jaghmel il-Kaxxier kienet differenti minn dik moghtija lil Bank u li din it-Tally Chit differenti kienet miktuba minn Isabelle Grima, skond kif ammettiet hija stess.

Il-Kumpanija stqarret li b'dan il-mod sar "embezzlement" ghad-dannu tal-kumpanija ghall-ammont imsemmi aktar 'il quddiem.

Il-Kumpanija qalet ukoll li l-Pulizija nvestigat dan il-kaz u kienet qeghda tipprocedi kontra l-Appellanta quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati.

3. <u>XHIEDA</u>

(a) Prodotti mill-Appellanta, kif dehru :

Is-Sur Jos. Muscat - Milk Agent

Is-Sur Andrew Mifsud - Platform Supervisor

Is-Sinjorina Isabelle Grima - L-Appellanta

(b) Prodotti mill-Kumpanija, kif dehru :

Is-Sur Kevin Ellul Bonnici - Spettur tal-Pulizija

Is-Sur Oscar Delia - Financial Controller

Is-Sur Ant. Mallia - Ex-Head II u Acting General Manager tal-Malta Dairy Products Ltd. fl-assenza tal-General Manager

Is-Sur Patrick Chircop - Kaxxier

/.....

(c) Prodotti miz-zewg Partijiet :

Is-Sur David Scicluna - Head of Section

(d) Prodotti mit-Tribunal, kif dehru :

Is-Sur Twanny Mifsud - Accounts Clerk Officer

Is-Sur David Matrenza - Ex-Secretary - Malta Dairy Products Ltd.

Is-Sur David Scicluna rega' gie msejjah mit-Tribunal biex jerga' jixhed f'zewg okkazzjonijiet ohra waqt li s-Sur Patrick Chircop rega' gie msejjah biex jixhed f'okkazzjoni ohra.

Wahda minn dawn l-okkazzjonijiet kienet konfrontazzjoni bejn it-tnejn. Is-Sur Anthony Mallia rega' gie msejjah mit-Tribunal biex jerga' jixhed.

Is-Sur Oscar Delia, Financial Controller tal-Kumpanija kkonferma bil-gurament il-prezentazzjoni ta' estratt photocopy mill-minuti tal-Bord Meetings tal-Malta Dairy Products Ltd. mizmuma t-Tlieta 16 u l-Erbgha 17 ta' Dicembru 1936.

4. ASSISTENZA LEGALI

Fis-sitt seduta mizmuma fl-24 ta' Mejju 1988, il-Kumpanija talbet li jkollha assistenza legali li t-Tribunal ma laqghax ghax kien prekluz li jilqa' talba ta' din ix-xorta skond Artiklu 31 (2) tal-Att XXX ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

Sussegwentement fit-13 ta' Settembru 1933 il-Kumpanija ghamlet rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u ghaldaqstant it-Tribunal aggorna l-kaz "sine die" sakemm il-Ligi msemmija tkun giet amendata u kienet tawtorizza lill-partijiet ikunu assistiti jekk iridu minn membri tal-professjoni legali.

/.....

It-Tribunal rega' rrikonvena fis-6 ta' Settembru 1939 meta nzammet is-seba' seduta biex ikompli jisma' l-kaz wara li giet amendata l-Ligi relevanti.

5. DOKUMENTI

Matul is-smiegh tal-kaz gew ipprezentati dokumenti addizzjonali miz-zewg partijiet li kienu jinkludu kopja tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Malta Dairy Products Ltd. u t-Taqsima tal-Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-General Workers' Union, photocopy ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja datata 2 t'Awissu 1938 dwar il-kaz ta' Isabelle Grima b'covering Letter mill-General Workers' Union u photocopies ta' tlett (3) estratti minn gazzetti lokali fuq l-istess sentenza, ittra datata 7 ta' Settembru 1938 konferma tal-Malta Dairy Products Ltd. dwar il-prezentazzjoni tar-rikors ghall-kawza kostituzzjonali fuq it-talba tal-Kumpanija ghall-assistenza legali, ittra datata 27 t'Awissu 1938 mill-Union dwar it-talba tal-Kumpanija ghall-assistenza legali u photocopy ta' estratt mill-Minuti tal-14-il Meeting tal-Bord tad-Diretturi tal-Malta Dairy Products Ltd. mizmuma t-Tlieta 16 u l-Erbgha 17 ta' Dicembru 1936 dwar il-kaz ta' Isabelle Grima, kif ukoll photocopy ta' ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg datata 9 ta' Marzu 1937 lil Isabelle Grima mill-Bord tad-Diretturi tal-Malta Dairy Products Ltd.

6. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Is-Sur Coleiro ghal Isabelle Grima ssottometta li mis-smiegh tal-kaz ma rrizultat l-ebda prova li l-Appellanta b'xi mod hadet flus tal-Kumpanija. Huwa kkontenda li kien hemm nuqqas kbir ta' serjeta' fir-responsabbiltajiet ta' certi ufficcjali tal-Kumpanija f'dak li jirrigwarda gbir u depozitu fil-Bank ta' flus. Huwa ppretenda li l-Kumpanija kienet fid-dover tipprova l-fatti ghax din kienet li ghamlet l-akkuza. Is-Sur Coleiro

sostna li fin-nuqqas ta' sorveljanza tal-kumpanija f'din il-materja kien jammonta ghal tort. Hu qal li dan in-nuqqas fil-procedura gieghel lill-Kumpanija tirrevedi l-procedura li kienet tezisti u anke nehhiet persuni minn certu xoghol.

Is-Sur Coleiro sostna li l-akbar nuqqas kien dak li kien jawtorizza lill-Appellanta biex tiftah is-safe, tiehu l-flus u timla t-Tally Chit u d-Deposit Slip u tiddepozita l-flus il-Bank minghajr ma din il-persuna tghodd il-flus quddiem min kien sejjer jaghmel id-depozitu. Zied jghid li r-responsabbilta' tal-ftuh tas-safe u l-mili tat-Tally Chit kienu tal-Kaxxier. Is-Sur Coleiro qal li waqt li l-Kaxxier xehed li dejjem kien hu li mela t-Tally Chit, il-Kumpanija qalet li l-Appellanta kienet timla t-Tally Chits minghajr ordni. Hareg ukoll mix-xhieda li l-Kaxxier kien ta Tally Chits vojta lill-Appellanta u staqsa ghalfejn taghhomlha jekk mhux biex timlihom. Kompla s-Sur Coleiro li c-cavetta tas-safe kienet biss ghand il-Kaxxier u argumenta li hadd ma seta' jgib provi li fis-safe kien ikun hemm aktar flus minn dawk li kienet issib l-Appellanta u tiddepozita.

Meta rrefera ghad-Deposit Slip, is-Sur Coleiro sostna li jidher li kien hemm konfuzjoni min kellu jirceviha wara li l-Appellanta rritornat mill-Bank. Is-Sur Coleiro kkontenda li r-responsabbilta' ahharija kienet dejjem tal-Kaxxier li kellu jaccerta ruhu li l-ammont tal-flus li gew depozitati l-Bank kellhom jaqblu ma dawk li jkun dahal fil-Cashbook, wara li jkun iccekkja kemm it-Tally Chit kif ukoll id-Deposit Slip.

Huwa qal li l-Appellanta kienet tghodd il-flus u timla d-Deposit Slip hdejn il-Head of Section, li f'certi okkazzjonijiet kien raha timla t-Tally Chit u kkonkluda li min ried jabbuza ma kienx jaghmel hekk quddiem is-supervisor tieghu.

/.....

Is-Sur Coleiro qal li l-Head of Section xehed li f'zewg okkazzjonijiet huwa kien widdeb lill-Kaxxier biex ma jhallix lill-Appellanta timla t-Tally Chits. Jidher ukoll li l-Kaxxier mix-xhieda tieghu stess kien jobdi l-ordnijiet fejn irid hu, bir-rizultat li dan seta' wassal biex l-Appellanta giet akkuzata b'xi haga li ma kkommettietx.

Is-Sur Coleiro qal li ghalkemm id-diskrepanzi fil-flus kienu gew skoperti f'Ottubru 1936, id-decizjoni biex l-Appellanta tigi mkeccija ttiehdet fis-17 ta' Dicembru u esegwita fid-9 ta' Marzu 1937.

Is-Sur Coleiro qal li minkejja li l-Kumpanija u t-Taqsima kienu ftehmu fit-18 ta' Dicembru 1936 li jergghu jiddiskutu l-kaz, il-kumpanija qabdet u keccjet lill-Appellanta u sostna li din l-azzjoni kisret il-Ftehim Kollettiv.

Jidher ukoll qal is-Sur Coleiro mill-Minuti tal-Bord tad-Diretturi prezentati fl-ahhar seduta tat-Tribunal li kemm il-Head of Section u l-Kaxxier kienu mwiddba severament u dan ghandu wiehed jikkonkludi ghal xi haga hazina konnessa mal-kaz li ma kellhiex u ma ghandhiex tkun attribwita lill-Appellanta. Is-Sur Coleiro rrefera ghall-certi fatti li huwa ddeskriva bhala provi li kienu :-

(a) Li l-Appellanta tressqet quddiem il-Qorti Kriminali tal-Pulizija u giet dikjarata nnocenti;

(b) li l-flus nieqsa kienu gew ritornati lill-Kumpanija minn Sacerdot, fatt li l-Kumpanija semmiet biss meta ssemma waqt is-smiegh tal-kaz quddiem it-Tribunal.
L-Appellanta bil-gurament kienet iddikjarat li hija qatt ma hadet flus tal-Kumpanija u l-anqas ma kellha x'taqsam mar-ritorn tal-flus.

/.....

juru li t-tkeccija kienet wahda kalkulata u mhux mehuda kapricjozament u saret wara nvestigazzjonijiet u pariri u ghalhekk it-tkeccija kienet gusta.

L-Avukat Valletta argumenta li ghal dak li jirrigwarda l-ezami tal-provi prodotti, bl-oneru tal-prova fuq l-Appellanta, wiehed irid jiftakar li fil-Kamp Civili d-decizjoni finali trid tkun bazata fuq il-bilanc tal-probabilta'. Dan ifisser li l-gudikant wara li jezamina l-provi prodotti u jqis jekk min kellu l-obbligu jipprova l-kaz dan ghamlux, jezamina l-istess provi u jsaqsi jekk skond il-provi prodotti kienx fil-fatt probabbli li l-Appellanta setghetx hadet il-flus li nstabu nieqsa.

Huwa qal li kienet l-opinjoni tal-Kumpanija li mill-provi prodotti u d-dokument esebit ghandu jirrizulta lit-Tribunal b'mod car illi tezisti probabilta' tajba li l-Appellanta setghet hadet il-flus li nstabu nieqsa. Wara li ddeskriva l-origini tad-diskrepanza fil-flus li dawn lahqu t-total ta' aktar minn disa' mitt lira Maltin, inhaloq speci ta' Bord ta' Inkjesta biex jinvestiga l-kaz u jirraporta dwar il-fatti lill-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija. Il-kaz gie wkoll riferit lill-Pulizija li wara li nvestigaw il-kaz u nterrogaw zewg persuni, l-Appellanta u l-Kaxxier iddecidew li jipprocedu kontra l-Appellanta. Il-Bord tal-Inkjesta biex fihom ha minghand ix-xhieda dikjarazzjonijiet. Bhala rizultat kien jidher li d-diskrepanzi sehhew tlett (3) darbiet f'Settembru u sbatax (17) il-darba f'Ottubru u li mit-Tally Chit migbura mill-Bank kien jidher li kull darba li kien hemm diskrepanza, t-Tally Chit kienet miktuba mill-Appellanta.

Il-Bord ta' Inkjesta prefera l-investigazzjonijiet tieghu lill-Bord tad-Diretturi li wara li ottjena parir legali minghand il-Konsulent legali tal-Kumpanija ddecieda li jittermina l-impjieg ta' l-Appellanta li ghaddiet b'maggoranza assoluta.

/.....

L-Avukat Valletta ghadda biex wara li rrefera ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 t'Awissu 1933, analizza parti mis-sentenza fid-dawl tal-liberazzjoni tal-Appellanta minhabba **dubju** ragonevoli. L-Avukat Valletta sostna li kien hemm differenza sostanzjali bejn il-proceduri Krimonali u dawk civili fir-rigward tal-konkluzjoni jekk l-Appellanta kienetx hadet il-flus misjuba nieqsa, ghax fil-waqt li l-proceduri Kriminali kienu jesigu li biex wiehed jinstab hati jrid ikun hemm certezza tal-htija minghajr **dubju**, fil-proceduri Civili l-bilanc tal-probabilta jkun bizzejjed biex jipprova l-htija. Hu qal li f'dan ir-rigward it-Tribunal Industrijali jitqies li jaqa' taht il-proceduri civili.

Fil-bilanc tal-probabilta, qal ir-rapprezentant tal-Kumpanija, t-Tribunal irid jiehu f'kunsiderazzjoni li l-Kaxxier kull meta xehed sostna li kien huwa li dejjem mela t-Tally Chit izda d-Deposit Slips kien jimlihom min ikun sejjer jiddepozita l-flus il-Bank.

Hu zied jghid li l-Head of Section kategorikament xehed li t-Tally Chit kienet ippreparata mill-Kaxxier u qatt ma ra lill-Appellanta timlieha hi, pero' l-Avukat Valletta qal li meta sehhew id-diskrepanzi t-Tally Chits kienu kollha mimlija mill-Appellanta u dan kien ukoll ammess minnha fix-xhieda taghha. Dan ukoll kien konfermat mix-xhieda tal-Financial Controller. Ghalhekk jidher li l-Appellanta kienet timla t-Tally Chit meta mhux suppost.

Ir-rapprezentant tal-Kumpanija argumenta li f'dawn ic-cirkostanzi l-probabilta' kienet li waqt li l-Kaxxier kien ikun ipprepara t-Tally Chit, l-Appellanta kienet taghmel Tally Chit ohra bl-ammont mibdul u tiddepozita flus anqas minn dawk li tkun sabet fis-safe.

/.....

L-Avukat Valletta ghadda biex wara li rrefera ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 t'Awissu 1983, analizza parti mis-sentenza fid-dawl tal-liberazzjoni tal-Appellanta minhabba dubju ragonevoli. L-Avukat Valletta sostna li kien hemm differenza sostanzjali bejn il-proceduri Kriminali u dawk civili fir-rigward tal-konkluzjoni jekk l-Appellanta kienetx hadet il-flus misjuba nieqsa, ghax fil-waqt li l-proceduri Kriminali kienu jesigu li biex wiehed jinstab hati jrid ikun hemm certezza tal-htija minghajr dubju, fil-proceduri Civili l-bilanc tal-probabilta jkun bizzejjed biex jipprova l-htija. Hu qal li f'dan ir-rigward it-Tribunal Industrijali jitqies li jaqa' taht il-proceduri civili.

Fil-bilanc tal-probabilta, qal ir-rapprezentant tal-Kumpanija, t-Tribunal irid jiehu f'kunsiderazzjoni li l-Kaxxier kull meta xehed sostna li kien huwa li dejjem mela t-Tally Chit izda d-Deposit Slips kien jimlihom min ikun sejjer jiddepozita l-flus il-Bank.

Hu zied jghid li l-Head of Section kategorikament xehed li t-Tally Chit kienet ippreparata mill-Kaxxier u qatt ma ra lill-Appellanta timlieha hi, pero' l-Avukat Valletta qal li meta sehhew id-diskrepanzi t-Tally Chits kienu kollha mimlija mill-Appellanta u dan kien ukoll ammess minnha fix-xhieda taghha. Dan ukoll kien konfermat mix-xhieda tal-Financial Controller. Ghalhekk jidher li l-Appellanta kienet timla t-Tally Chit meta mhux suppost.

Ir-rapprezentant tal-Kumpanija argumenta li f'dawn ic-cirkostanzi l-probabilta' kienet li waqt li l-Kaxxier kien ikun ipprepara t-Tally Chit, l-Appellanta kienet taghmel Tally Chit ohra bl-ammont mibdul u tiddepozita flus anqas minn dawk li tkun sabet fis-safe.

/.....

Huwa zied jghid li kien improbabbli li l-Kaxxier kien ikollu hin jipprepara lista b'hafna dettalji u ma kienx ikollu hin biex jimla t-Tally Chit li kienet biss tiehu ftit sekondi. L-Avukat Valletta rretena li ga la darba l-Kaxxier xehed li kien hu li dejjem ipprepara t-Tally Chit u l-Appellanta xehdet li mliet hi wkoll numru ta' Tally Chits, johrog il-fatt li kull meta kien hemm diskrepanza fil-flus, it-Tally Chits kienu ta l-Appellanta u infatti ma nstabux diskrepanzi meta din kienet tkun bil-leave. Meta rrefera ghad-dikjarazzjoni ffirmata mill-Appellanta ftit wara li nstabu d-diskrepanzi fil-flus l-Avukat Valletta staqsa l-ghala bidlet il-versjoni fix-xhieda taghha.

Huwa espona l-argument li dan seta' gara ghax l-Appellanta skopriet li l-Kumpanija kellha fil-pussess taghha t-Tally Chits mimlijin minnha, u staqsa jekk kienx possibbli li l-Kaxxier kien ikollu x'jaghmel hafna bejn l-ewwel t'Ottubru u t-23 ta' l-istess xahar 1986. Setghet ukoll bidlet il-versjoni taghha, qal Dr.Valletta peress li semghet ix-xhieda tal-Kaxxier u tal-Head of Section.

Huwa sostna li huwa ferm improbabbli li l-Kaxxier dahhal id-dhul tal-flus fil-cashbook u mbaghad nizzel ammont differenti fit-Tally Chit ghax jekk kien jaghmel hekk kien ikun qieghed jikkonferma li hu kien hati tad-diskrepanzi fil-flus. Dan qal Dr. Valletta jwassal ghall-konkluzjoni li setgha sehh bl-agir ta' l-Appellanta.

Dr. Valletta rrefera wkoll ghall-fatt li l-Appellanta kienet thalli l-basket taghha mal-Head of Section ghall-hames minuti qabel ma tmur tiddepozita l-flus il-Bank, xi haga li izolata ma kien ikollha l-ebda validita izda li fic-cirkustanzi tal-kaz li t-Tally Chits skond il-Head of Section kien jaghmilhom il-Kaxxier, imliethom l-Appellanta, zgur li kien hemm skop warajh.

/.....

Ir-rapprezentant tal-Kumpanija stqarr ukoll li kienet stramba li l-Appellanta kienet qalet fid-dikjarazzjoni taghha li kellha suspett li kien hemm diskrepanza fil-cash meta ma kienx hemm Liquid cash u dan staqsa Dr Valletta seta' kien aktar dizappunt milli suspett.

Dr Valletta ghalaq is-sottomissjonijiet finali ghall-Malta Dairy Products Ltd. li l-interpretazzjoni logika li tista' tinghata lil dawn il-fatti kif ukoll il-principju legali tal-probabilta' ghandhom jghinu lit-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni illi ma hemmx x'jista' jipprova li t-tkeccija ta' Isabelle Grima kienet wahda ngusta.

Is-Sur Coleiro ghamel kummenti verbali fuq is-sottomissjonijiet finali tal-Kumpanija b'referenza specjali ghat-tezi espressa minn Dr Valletta fuq l-applikabilita tal-probabilta u rretena li l-kaz kien jiddomanda certezza.

Huwa wkoll ikkummenta fuq il-procedura wzata tal-mili tat-Tally Chits u t-transazzjoni tal-flus mill-ghir mis-safe sad-depozitat fil-Bank u b'mod partikolari x'gieghel lill-Kaxxier jghati Tally Chits vojta lill-Appellanta.

Is-Sur Coleiro wkoll qal li l-argument dwar il-basket li kienet thalli l-Appellanta mal-Head of Section ma kellux valur ghax persuna riedet tqarraq zgur ma kienetx sejra thalli hwejjigha ma persuna li kien is-superjur taghha u facilment seta' jinvestiga l-oggett imholli hdejh.

L-Avukat Valletta ghall-Kumpanija rega' enfasizza l-principju tal-oneru tal-prova u qal li dan kien dovut li l-Appellanta tipprova li tkeccit ingustament u li ghalhekk il-Kumpanija ma kellha tipprova xejn.

/.....

Huwa mbaghad rega' sostna d-differenza bejn il-proceduri kriminali li jitolbu certezza morali u allura ma jridx ikun hemm dubbju ragonevoli u l-proceduri civili li jirregola l-konkluzzjoni a bazi tal-bilanc tal-probabilta' u li f'dan il-kaz, qal Dr Valletta kien japplika ghat-Tribunal Industrijali.

Huwa argumenta li anke jekk it-Tribunal isib li kien hemm dubbju ragonevoli pero' seta' kien hemm probabilta li l-Appellanta approprijat flus il-Kumpanija, allura t-Tribunal ghandu jsib favur il-Kumpanija u kontra l-Appellanta.

Dr. Valletta kkontenda li d-diskrepanzi nqalghu meta kienet tigi ppreparata t-Tally Chit u f'dan ir-rigward il-kaxxier dejjem sostna li ghamilhom hu u allura ghaliex l-Appellanta kienet thoss li timla t-Tally Chits hi, kif ammettiet hija stess. Huwa qahad li seta' kien hemm xi konfoffa biex il-Kumpanija tehles mill-Appellanta u zied jghid li r-referenza ghas-serjeta' tal-proceduri tal-Kumpanija ma kienetx flokha ghax fl-opinjoni tieghu s-sistema ghat-transazzjoni tal-flus kien fool proof kieku kulhadd jaqdi r-responsabiltajiet tieghu.

7. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

Dan it-Tribunal Industrijali wara li ezamina x-xhieda kollha u stharreg sewwa li statements of case kif ukoll is-sottomissjoni-jiet finali taz-zewg partijiet u stharreg id-dokumenti prezentati jidhirlu li dan il-kaz gista' jigi kkunsidrat taht zewg aspetti principali, cioe':-

1. Dak dwar il-meritu tal-kaz fih in-nifsu nkluz gudizzju jekk l-Appellanta kkommettietx l-approprijazzjoni ta' flus il-Kumpanija u

2. Dak li jirrigwarda l-procedura wzata biex giet imkeccija l-Appellanta mill-impjieg.

/.....

It-Tribunal jixtieq ifakkar liz-zewg partijiet li fl-ewwel seduta tieghu, it-Tribunal kien ghamilha cara li kien sejjer jittratta l-kaz ta' Isabelle Grima ndipendentement mit-trattazzjoni li kien hemm quddiem il-Qorti Gudizzjarja tal-Pulizija kontra taghha.

It-Tribunal ihoss li din id-decizjoni kienet flokha u ma ghandux ghalfejn jiddubita li ma ghandhiex tkompli tigi esegwita meta llum tezisti sentenza tal-Qorti Gudizzjarja dwar l-akkuza kontra l-Appellanta.

Dan ma jfissirx izda li dan it-Tribunal ma jghatix l-opinjoni tieghu meqjusa fuq certi fatti saljenti tal-kaz li per necessita' jridu jigu kkunsidrati biex jghinuh jasal ghall-konkluzjoni gusta.

Fl-istess waqt it-Tribunal jifhem li dawn il-kunsiderazzjonijiet iridu jkunu l-bazi li minnhom johrog l-Award tat-Tribunal, li jrid ikun iggwidat l-ewwel u fuq kollox mill-Att XXX tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali li tosigi skond Artiklu 31 (3) "... the Tribunal shall endeavour to ensure that justice is done according to the substantive merits of the case, and subject to the rules of natural justice, the Tribunal shall reach its conclusions on any matter in such a manner as it deems appropriate".

It-Tribunal jixtieq jibda biex jghid li ma hemm l-ebda dubbju li l-Appellanta mliet numru ta' Tally Chits ghax dan iddikjaratu fl-istatement li ffirmat u tat lill-Kumpanija u kkonfermatu fix-xhieda taghha.

Minn naha l-ohra t-Tribunal osserva wkoll li statement tas-Sur Patrick Chircop il-Kaxxier, li ffirma u ta lill-Kumpanija fejn qal li kien hu li jimla t-Tally Chits u dan ikkonfermah fix-xhieda tieghu.

It-Tribunal izda nnota wkoll li s-Sur Chircop ammetta li kien ta lill-Appellanta numru ta' Tally Chits vojta, minghajr ma talabha r-raguni ghaliex ridithom.

Fl-istess waqt it-Tribunal innota wkoll li s-Sur Chircop mistoqsi fix-xhieda tieghu l-ghala ma ghamilx hekk, irrisponda li hadd ma kien qallu biex ma jtihomx u ghalih dawn it-Tally Chits ma kienux ta mportanza.

It-Tribunal sema' wkoll lill-Appellanta tallega li s-Sur Chircop kien jghidilha biex tiftah is-safe, tiehu l-flus u tmur tiddepozithom il-Bank.

Sema' wkoll lis-Sur Chircop jichad li xi darba kien qal u/jew ordna lill-Appellanta timla t-Tally Chits izda xehed li veru kien gie li taha c-cavetta tas-safe biex tigbor il-flus ghad-depozitu u ma kienx jiftah is-safe u jghatiha l-flus hu ghax f'dak il-hin kien ikollu x'jaghmel hafna.

It-Tribunal sema' wkoll lis-Sur David Scicluna, Head of Section, jixhed li hu qatt ma ra lill-Appellanta timla t-Tally Chits izda meta sar jaf li dan gara, huwa widdeb lis-Sur Chircop biex dan ma jergax isir.

Is-Sur David Scicluna xehed ukoll li meta kien Kaxxier hu, kien jipprepara u jimla d-Deposit Slip ghalkemm accetta li din kienet setghet tigi ffirmata minn min jiddepozita l-flus.

It-Tribunal innota wkoll li l-Kaxxier Patrick Chircop ghogbu jipprezenta dikjarazzjoni riveduta lill-Kumpanija ghax skond hu deherlu li kien halla xi dettalji barra. Is-Sur Chircop ghogbu wkoll jikkoregi parti mix-xhieda tieghu fis-seduta tat-Tribunal tat-13 ta' Lulju 1933 ghal dak li kien xehed qabel f'seduta ohra, skond hu bi zball dwar lil min kienet tigi ritornata d-Deposit Slip.

F'din l-istess seduta, li kienet konfrontazzjoni bejn il-Head of Section u l-Kaxxier biex jigu ccarati certi punti, t-Tribunal jiddispjacih kollu jirrimarka li xi hadd minn dawn iz-zewg persuni ma kienx qieghed jixhed il-verita'.

Wara kollox, gie stabbilit li d-Deposit Slip kienet tigi ritornata lill-Kaxxier, izda dan xehed li qatt ma ccekkja d-Deposit Slip meta giet ritornata mill-Appellanta mal-ammont li kien ikun dahhal fil-Cashbook, ghax qal li dan ma kienx xoghlu izda xoghol min kien jaghmel ir-rikonciljazzjoni fl-ahhar tax-xahar.

Jidher ukoll li ghalkemm il-Kumpanija tat importanza lit-Tally Chit, din skond il-Kaxxier kienet apertament fl-ufficcju fejn setta' jehodha jew juzaha haddiehor.

Ma hemm l-ebda dubbju li kemm l-Appellanta kif ukoll il-Kaxxier kienu relattivament impjegati recenti qabel ma gara l-kaz u fi zmien meta l-Malta Dairy Products Ltd. kienet fli stadju li tibdel parti mill-"complement" taghha wara li b'xi mod hadet xehta, ghalkemm mhux ghal kollox, ta' kumpanija privata.

Minn dak li dan it-Tribunal sema' mix-xhieda jidher li kontra dak li ntqal mir-rapprezentant tal-Kumpanija, il-proceduri nternali dwar it-transazzjoni tal-flus ma kienux "fool proof" u hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li kien jezisti nuqqas serju ta' double-checking, minbarra laxkezza tar-responsabilta' u handover difettuz.

It-Tribunal jidhirlu li kemm l-Appellanta kif ukoll il-Kaxxier setghu kienu korretti t-tnejn li jsostnu dak li xehdu, cioe' li l-Appellanta gie li mliet it-Tally Chits ghax ma sabithomx fis-safe u li l-Kaxxier kien ipprepara it-Tally Chits u poggihom flimkien mal-flus fis-safe.

Nonno stante x-xhieda li c-cavetta tas-safe kienet dejjem fil-pussess tal-Kaxxier, hlief meta kien xi hadd imur ghaliha fid-dar tieghu ghax kien ikun bil-leave jew marid, ma jistax jigi eskluz li persuna ohra mhux maghrufa seta' kellha access ghas-safe u b'hekk inholqot id-diskrepanza tal-flus li tefghet is-suspett kemm fuq Isabelle Grima u fuq Patrick Chircop u li wasslu ghall-akkuza kontra l-Appellanta.

It-Tribunal kif esprima fil-bidu ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet stharreg sewwa l-procedura wzata biex l-Appellanta giet imkeccija. F'dan ir-rigward, jidher li kien hemm tlett stadji jigifieri dik meta l-Appellanta giet imkeccija fit-13 ta' Dicembru 1936 u mill-gdid imdahhla lura ghax-xoghol wara azzjoni ndustrijali mill-Union fil-fabbrika li wasslet biex intlahaq ftehim provisorju bejn il-Malta Dairy Products Ltd. u t-Taqsima tal-Union, l-investigazzjonijiet mill-Kumitat ta' Inkjesta tal-Kumpanija u l-ezekuzzjoni tat-tkeccija finali.ta' l-Appellanta fid-9 ta' Marzu 1937. Ma' dawn wiehed irid izid il-Ftehim Kollettiv li gie ffirmat l-ghada li l-Appellanta giet imkeccija, il-ftehim provizorju tat-13 ta' Dicembru 1936 u l-procedura dixxiplinarja li kellha tigi applikata fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Ma hemm l-ebda dubbju li d-decizjoni tat-tkeccija ta' l-Appellanta ittiehdet fis-16 u 17 ta' Dicembru 1936 mill-Bord tad-Diretturi kif konfermata mill-estratt tal-Minuti ta' l-istess Bord prezentata lit-Tribunal.

Ghalkemm jidher li din id-decizjoni ttiehdet fid-dawl tar-rapport ippreparat mill-Kumitat ta' Inkjesta, li skond ix-xhieda tas-Sur Anthony Mallia li kien ic-Chairman ta' dan il-Kumitat u l-Acting General Manager meta gew skoperti d-diskrepanzi fil-flus, kien jinkludi dikjarazzjonijiet iffirmati mill-Kaxxier, is-Sur Chircop, il-Head of Section, is-Sur David Scicluna u l-Appellanta, Miss Isabelle Grima, dan ir-rapport ma kienx jinkludi minuti ffirmati u/jew mhux iffirmati tal-laqghat tal-Kumitat u anqas rakomandazzjonijiet u/jew decizjonijiet.

/.....

Is-Sur Mallia xehed ukoll li hu qatt ma gie mitlub biex jaghti l-opinjoni u/jew il-parir tieghu fuq il-kaz.

It-Tribunal ikkunsidra l-kontenut tal-ftehim provisorju bejn il-Malta Dairy Products Ltd. u t-Taqsima tal-Union datat 13 ta' Dicembru 1986 u nnota li z-zewg partijiet kienu qablu li "..... agreement was reached that both parties lift their actions and negotiations will continue". Wiehed ghandu ghax jikkonkludi li dawn in-negozjati kienu jirrigwardaw u jikkonfermaw il-kaz.Isabelle Grima izda milli jidher skond minn dak li ntqal waqt is-smiegh tal-kaz, dawn in-negozjati dwar Ftehim Kollettiv u li skond il-Union kien miftiehem kollu qabel ma l-Appellanta giet finalment imkeccija fid-9 ta' Marzu 1987 u li dan il-Ftehim Kollettiv gie ffirmat l-ghada li tkecciet.

It-Tribunal ma jistax jghid jekk dan sarx b'intenzjoni jew b'koincidenza. Kien x'kien jibqa' l-fatt li l-Appellanta ma kienetx koperta bil-klawsola relevanti (Artiklu 25) ".... befpre the employee is given the opportunity to defend himself/herself in accordance with the grievance procedure set down below".

It-Tribunal ma jarax li l-proceduri li addotta l-Kumitat ta' Inkjesta kien process dixxiplinarju ghax fi kliem is-Sur Anthony Mallia l-kompitu tieghu kien biss biex jistabilixxi l-fatti mhux biex jghamel akkuzi u/jew jiehu passi dixxiplinarji.

It-Tribunal izda huwa sodisfatt li skond ix-xhieda tas-Sur Anthony Mallia l-impjegati tal-Malta Dairy Products Ltd. ghall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dixxiplina kienu koperti bl-Estacode sakemm dahal in vigore il-Ftehim Kollettiv.

/.....

F'dan ir-rigward u dan gie konfermat bil-gurament mill-istess Sur Mallia, fil-kaz ta' approprijazzjoni ta' flus, l-Estacode jesigi li l-persuna akkuzata u moghtija f'idejn il-Pulizija, tigi sospiza mix-xoghol sakemm il-Qorti tiddeciedi l-kaz taghha. Ghaldaqstant it-Tribunal huwa sodisfatt li fic-cirkostanzi fid-9 ta' Marzu 1987, l-Appellanta kienet koperta b'din il-procedura tad-Dixxiplina u ghalhekk il-Malta Dairy Products Ltd. ma kienetx korretta li tittermina l-impjieg ta' Miss Isabelle Grima ga la darba l-Kumpanija kienet iddecidiet li tirreferi l-kaz taghha f'idejn il-Pulizija, dejjem fil-kuntest ta' l-applikazzjoni ta' l-Estacode.

Ghal dak li jirrigwarda l-enfasi tal-Kumpanija biex jigi applikat il-kriterju tal-probabilta' tal-proceduri civili f'dan il-kaz, it-Tribunal waqt li jirrijafferma dak li qal fil-bidu ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet fuq dan il-punt, jiddikjara li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma jsibx provi sufficjenti biex jiggustifikaw li fuq il-bazi tal-probabilta l-Appellanta approprijat flus il-Malta Dairy Products Ltd.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba biex l-Appellanta tigi kompensata ghall-malafama, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Kumpanija kellha u ghandha d-dritt u d-dover thares l-interessi taghha u jekk biex taghmel dan hasset il-bzonn li tinvoka proceduri legali u rreferit il-kaz tad-diskrepanza fil-flus lill-Pulizija Gudizzjarja, ma tistax titqies responsabbli ta' malafama.

L-anqas ma jista' t-Tribunal jikkunsidra u jiddeciedi kumpens ghall-allegazzjoni ta' malafama ghax din ma hijix materja li taqa' fil-kompitu tat-Tribunal.

3. <u>AWARD TAT-TRIBUNAL</u>

1. Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkustanzi wara li stharreg il-kaz kollu fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet spjegati aktar 'l quddiem,

it-Tribunal isib li l-Appellanta Isabelle Grima gabet provi sufficjenti biex tissodisfa lit-Tribunal li t-tkeccija taghha mill-impieg mal-Malta Dairy Products Ltd. ma kienetx ghall-raguni gusta.

2. Jordna li l-Appellanta ghandha tinghata kumpens ta' mija u sebgha u tmenin Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (LM137.71,0) sa mhux aktar tard minn 30 jum mid-data ta' dan l-Award.

3. Jordna li l-Appellanta tinghata mill-Kumpanija certifikat nadif tas-servizz taghha mal-Malta Dairy Products Ltd.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

C. DEBONO
CHAIRMAN

C. CHETCUTI
SEGRETARJU